**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 94/07**
It-Tlieta 2 ta' April 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

94.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
94.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
94.4 Servizz ta' DPO għall-Kunsill Lokali ta' Ħal tarxien
94.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
94.6 Rapporti;
94.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 78/2019;
94.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
94.9 Mozzjonijiet;
94.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**94.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Frans Agius kien talab sabiex ikun skużat. — Ittri ta' Apoloġija

**ii.** Il-Kunsill ħa nota u approva li l-Kunsillier Frans Agius ikun skużat.

**94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** — Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 92/2019 tal-20 ta' Frar 2019 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**94.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**i.** Is-Sindku spjega li kien għadu għaddej bl-istess problema mal-Perit Mintoff tant li qal li ma' dan il-perit konna morna mill-ħazin għal agħar. Żied jgħid li spiċċajna kellna nqabbdu perit ieħor. — Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. — Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li nbdiet Żejtun road u servizzi qed isiru fuq iż-żewġ naħat. — Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. — ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**iv.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna mexxejna bl-Applikazzjoni tal-bus shelter għat-toroq Palma u Tarxien. — Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**vi.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħat preċedenti. — Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Ġnien Kurunell Mass kien inbeda x-xogħol u bħalissa konna qed nistennew li jitlestew il-pots biex ikun jista jkompli. — Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wasal fi 6:25 PM

**viii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien twaħħal il-Fencing f'Misraħ Buleben, fejn hemm partijiet fejn iċ-ċint huwa baxx. — Fencing – Misraħ Buleben

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-FACEBOOK nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. — Kawża l-Qorti

Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa għax kien imsiefer.

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proġett biex issir Triq l-Isqajjaq li dwaru kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis sfortunatament wara li kien sar co-ordinating meeting bħal donnu imbagħad waqaf kollox. Is-Sindku Paul Farrugia qal li għaldaqstant reġa talab meeting ieħor fejn kien hemm Perit gdid li ser jieħu ħsieb BoQ u jgħaddiha lill-Infrastructure Malta. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba għal-tiswija tal-bandli b'Direct Order kienet għaddiet min-naħa ta' DLG filwaqt li konna għadna qed nistennew mingħand il-Ministru. Survey MCCAA

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

xii.i Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sfortunatament il-brunżar li kien ser jagħmel il-bust ta Renzo Gauci kien miet. Qal ukoll is-Sindku li bħalissa fuq il-paġna FACEBOOK *ĦAL TARXIEN IR-RAĦAL LI TANT INĦOBB* kienet għaddejja post fejn kien hemm min kien qed jikkummenta li dan il-bust kien ġej fl-imwarrab. Qal is-Sindku Paul Farrugia li dan kollu kien biss mezz biex jippruvaw jieħdu kapital mis-sitwazzjoni. Safrattant żied jgħid is-Sindku li hu mar il-funeral għaliex Renzo kien raġel ta' rispett kbir filwaqt li ħaddieħor ma deherx l'hemm avolja issa qed jipprova jieħu vantaġġ u joħloq argumenti inutli. Żied jgħid ukoll li s-sit fejn ġie propost li jsir dan il-bust huwa approvat u ġie aċċettat mill-familjari. Monument – Renzo Gauci

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Betta, kien tlesta u kien ser jitħallas. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

xv. Żied jispjega s-Sindku li Triq Sammat kienet inbdiet ukoll u kienu nqalgħu bankini u kienu ser jibdew jgħaddu s-servizzi.

xv.i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-restawr fuq il-monument bis-salib tal-ġebel fi Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija kien miexi filwaqt li l-kaxxa tal-flus ġiet ordnata oħra ggalvanizzata. Monument bis-Salib tal-ġebel Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Santa Marija

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*gates* fi ĠNIEN JOANNE kienu twaħħlu. Tender Gates

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal waqt il-pageant kien ser jordna żewġ mobile toilets. Attivita' Tarxien Pageant Group

xviii. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16. Vakanza Skrivan Skala 16

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien attenda għall-wirja tal-pittura li ttellat mis-Sur Charlon Bonello b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Tarxien. Wirja tal-Pittura

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet rikjesta mingħand l-Arċipriet sabiex jagħmel użu mill-fondi tal-Developement Planning Fund sabiex isir xogħol ta' restawr fuq iz-zuntier u l-pjazza. SKEMA UIF/DPF

**xx.i** Il-Kunsilliera Lawrence Bonavia u Luke Genuis staqsew għaliex il-pjazza wkoll kienet qed tiġi nkluża meta wara l-knisja kien ser isir il-progett mis-Segretarjat. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol ukoll kien ikkordinat minn dan il-progett.

**xx.ii** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u bi qbil unanimu ġie deċiż li dawn il-fondi mill-fond DPF jgħaddu għand l-Arċipriet għar-restawr taz-zuntier u tal-pjazza.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk kien ser iniedi ktieb dwar il-lokalitajiet membri fi ħdan ir-Reġjun nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2019 mis-7pm 'il-quddiem. Waqt din is-serata kien propost li kull lokalita' tippreżenta xi ħaġa letterarja dwar il-lokalita'. F'dan ir-rigward ġie ssuġġerit li għal Ħal Tarxien nikkuntatjaw lis-Sur Alfred Massa. Tnedija tal-Ktieb – Reġjun Xlokk

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixxi li jsiru xi toroq oħra bit-tarmak u dawn kienu :- Toroq ġodda bit-tarmak

- KARMNU,
- STA TEREZA
- MANWEL BUHAGIAR
- SANT'ANTNIN
- ALFIER DE MEDRAN (PARTI)
- BIRBIXKILLA (PARTI)
- 29 TA' MEJJU

**xxi.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill kollu li dawn it-toroq isiru mill-ġdid bit-tarmak u jekk ikun hemm bżonn anke jinbidlu s-servizzi.

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Infrastructure Malta kienet avviċinatu u nfurmatu li kienu qed jipproponu li jirranġaw l-area ta' wara l-iskola. Is-Sindku qal li għal darba tnejn tlieta kien infurmahom li dik l-area hija tal-privat pero jekk bħala Awtorita huma riedu jirranġaw l-area hu ma kienx ser iwaqqafhom. Sit fejn l-iskola

**xxii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-Sindku li jekk Infrastructure Malta tixtieq li tirranġa s-sit il-Kunsill ma kienx ser iwaqqafha.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba għal rifużjoni li pero din id-darba ma kienetx fuq tyre imma ħsara fuq il-vettura li l-individu qed jgħid li ġarrab fi Triq Santa Marija. Żied jgħid ukoll is-Sindku li apparti dan l-irċevuti tat-tiswija kienu waslu tard iktar milli mitlub fil-formola tat-talba għal rifużjoni. Ħsara fuq vettura – Talba għal rifużjoni

**xxiii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimanet qabel li din il-persuna ma tingħatax r-rifużjoni anke ħabba l-fatt li fir-ritratti ppreżentati mill-individwu stess jidher li hemm ix-xogħlijiet għaddejjin minn Infrastructure Malta f'dik it-triq u għaldaqstant kien hemm it-tabelli li jindikaw dawn ix-xogħlijiet.

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC ikun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il- Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. One Way System – għal parti minn Triq Dejma

**xxiv.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna mingħand TM fejn dawn ma kienux isibu oġġezzjoni basta nibgħatulhom pjan dettaljat tal-kambjament propost flimkien mat-tabelli u sinjali u dan qabel ma jinbeda x-xogħol previst.

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu talbiet u/jew approvazzjoni għal *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY – 228, Matteo court Flt 2, Triq Lampuka
- RESERVED PARKING BAY – 9, Charel, Triq Temi Zammit
- RESERVED PARKING BAY – Blk E, Bieb A, Flt 1, Triq il-Ħaġar
- RESERVED PARKING BAY – 149, Aurora, Triq il-Knisja
- RESERVED PARKING BAY – 59, Maria Immakulata, Triq San Anard;
- RESERVED PARKING BAY – 12 Trejqa Vincent Battistino

**xxv.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni li dawn isiru għajr għal waħda dik ta' Nru. 12, Trejqa Vincent Battistino għaliex m'hemmx skop għalih għaliex minn hemm ma jgħaddux karozzi u hemm il-pavimentar.

**94.4 Servizz ta' DPO għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien** DPO

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba servizz ta' DPO konna ġibna żewġ kwotazzjonijiet :-

- BOOM Consultancy għall-valur ta' €4800 VAT eskluż
- Advisory 21 – għall-valur ta' madwar €7000 Vat Esskluż

**ii.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jintgħażel BOOM Consultancy għall-valur ta' €4800 Vat esskluż.

**94.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**i.** Il-Kunsillier Luke Genuis informa lill-Kunsill li bħala TM kienu rċevew talba mingħand CAURES HEARING CENTRE Nru 85, Triq Ħal Luqa, Tarxien sabiex quddiem il-clinic issir ALIGHTING & BOARDING Bay għall-pazjenti. CAURES HEARING CENTRE Nru 85, Triq Ħal Luqa

**ii.** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li ser joqgħod fuq id-deċiżjoni tat-TM.

**94.6 Rapporti**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**94.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.78/07. Din l-iSkeda ġiet approvata

b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**94.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Il-Kunsilliera s-Sinjura Doris Vella ppreżentat rapport dwar l-aħħar ħarġa li kellha tas-Sotto Kumitat.

**94.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**94.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00PM.

Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 29 ta' April 2019 fil-5.30pm.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |